**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1157/2023 DC**

***Go Plc***

***vs***

***Dolores Joan Byrne***

Illum, 28 ta' Ottubru 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta attriċi ppreżentat fl-10 ta' Ottubru, 2024 permezz ta' liema ppremettiet:-

1. *Illi Dolores Joan Byrne għandha tagħti lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tlieta u għoxrin elf u ħamsin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€23,050.78) in konnessjoni ma' servizzi mogħtija lilha in segwitu ta' żewġ kuntratti datati nhar is-16 t'Ottubru 2020, rigwardanti servizzi ta' telefonija ċellulari fuq in-numru 79516072 u xiri bi ħlasijiet ratejali ta' Samsung A51 Black permezz tal-iskema GO Easy Buy.*

2. *Illi dawn huma miġbura fil-kont bin-numru 41006149.*

3. *Illi minkejja li permezz tal-imsemmija kuntratti Dolores Joan Byrne obbligat ruħha li tħallas b'mod regolari u tempestiv għas-servizzi mogħtija lilha, hija m'ottempratx ruħha ma' dan l-obbligu tal-ħlas u li minkejja li ġiet interpellata permezz ta' diversi kontijiet maħruga lilha, hija baqgħet inadempjenti fil-ħlas.*

4. *Illi kawża tan-nuqqas minn naħa ta' Dolores Joan Byrne li twettaq l-obbligu tagħha ta' ħlas fi żmien utli, is-soċjeta' rikorrenti tterminat il-provista tas-servizzi u applikat il-penali applikabbli.*

5. *Illi s-soċjeta' rikorrenti ntavolat ittra uffiċjali taħt l-ambitu tal-Artiklu 166A tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Dolores Joan Byrne, li ġġib ir-riferenza 151/21.*

6. *Illi Beverly Xerxen hija Manager fid-Dipartiment tal-Credit Control ta' GO p.l.c. u taf b'dawn il-fatti personalment, wara li vverifikat ma' l-informazzjoni fil-pussess tas-socjeta rikorrenti.*

7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

U wara li hekk ippremettiet, is-soċjeta' attriċi talbet lil din il-Qorti:-

A. *Tiddikjara lill-intimata Dolores Joan Byrne responsabbli li tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tlieta u għoxrin elf u ħamsin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€23,050.78), u*

B. *Tikkundanna u tordna lill-intimata Dolores Joan Byrne sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' tlieta u għoxrin elf u ħamsin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€23,050.78),*

Ċ. *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-preżenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u tal-ittra uffiċjali bir-riferenza 151/21, u bl-imgħaxijiet legali sa mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża, kontra l-intimata Dolores Joan Byrne, li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.*

Rat li l-konvenuta debitament notifikata bir-rikors ġuramentat ma preżentatx risposta ġuramentata u għalhekk ġiet dikjarata kontumaċi[1].

Rat l-affidavit ta' Beverly Xerxen u d-dokumenti annessi mar-rikors promotur.

Rat li l-konvenuta ngħatat żmien xahar biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha ai termini ta'l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2], iżda is-sottomissjonijiet baqgħu ma sarux.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li:

---

[1] Ref verbal a fol 79.
[2] Ref verbal ta'l-udjenza miżmuma fit-12 ta' Ġunju 2023 a fol 40.

- Fis-16 ta' Ottubru 2020 l-konvenuta xtrat mobile phone tal-għamla Samsung A51 mingħand s-soċjeta attriċi taħt l-iskema Go Easy u skont kuntratt iffirmat dak in-nhar stess; taħt din l-iskema u skont il-kuntratt il-prezz kellu jitħallas ratealment.
- Fis-16 ta' Ottubru 2020 l-konvenuta ffirmat kuntratt ieħor mas-soċjeta attriċi għal servizz ta' telefonija cellulari.
- Il-konvenuta ma kinitx qed tħallas l-ammonti minnha dovuta għalhekk ġew itterminati l-kuntratti u, skond l-istess kuntratti, ġiet imposta penali.
- Illi skont l-invoices u r-rendikont preżentati l-arretrati flimkien mal-penali dovuta jammontaw għal tlieta u għoxrin elf u ħamsin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€23,050.78).
- Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata 14 ta' Ottubru 2021 l-konvenuta ġiet interpellata tħallas dan l-ammont iżda baqgħet inadempjenti[3].

Illi dawn il-fatti, li jirriżultaw ampjament mill-provi tal-bank attur: id-dokumenti esebiti mar-rikors promotur u l-affidavit ta' Beverly Xerxen, mhumiex kontradetti mill-konvenuta. Konsegwentement it-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' t-talbiet attriċi** kif dedotti u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf u ħamsin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€23,050.78) bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kif mitluba.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[3] Ma jirriżultax li l-ittra uffiċjali ġiet notifikata.